# XINHI L-ĦAJJA TAL-BNIEDEM

*Lill-Kavalier Muscat Azzopardi,*
*ħala qima li għandi lejh, din*
*in-nilfa ta' taqbila nâti.*

Xi tkun qatt, għidu,—ħajjiet il-bniedem ?
Xejn, ħlief biss ħolma—li dlonk tintemm.
Nagħmlu li ngħixu—f'ħala u xalati :
ma jibqâx fl-aħħar—minn dawn ħlief hemm.

Kollox ilellex—inti tkun tara,
għax ma stajtx tifred—il-hemm mill-ferħ :
iżda ftit wara—tħoss qalbek timrad,
bla ma tâf għala—qatt ma ssib serħ.

Il-ferħ li qabel—kont bih tithenna,
li lilek wira—ħajja sabiħa,
lil qalbek issa—bid-dwejjaq mela ;
lilha mkien iżjed—ma trodd mistrieħa.

Din biss, din tisfa—ħajjiet il-bniedem!
U bosta għômja—wara kull frugħa
ma jsibux f'qalbhom—għajr dmugħ u niket,
għaliex ħajjithom—mimlija bluha.

Ħarsu lejn bniedem—mitluf fil-bâtal :
imqarraq jibqa'—sa kemm imut,
għax ma jafx jagħraf— li xewk hi l-ħajja
minn ġewwa n-nieqa—sa ġôt-tebût !

**Salvu Agius**

Miktuba fl-irtir tal-Karnival
f'San Kalċidonju.

# KIF BDIET U MXIET IL-GĦAQDA

Nibdew inġibu hawn x'għadda mill-Għaqda tagħna mit-twaqqif tagħha u nibqgħu nġibu fi drabi oħra sa ma naslu biex ingħidu x'ikun għaddej minn għaliha.

## IT-TWAQQIF

F'Settembru ta' l-1920, dehru fil-*Ħabib* ittri miktuba minn X.C. kollha ħrara biex titwaqqaf Xirka. Din ix-Xirka, X.C., xtaqha li titwaqqaf b'dawn iż-żewġ fehmiet ewliena:

1. Li ġġagħal 'ill-kittieba kollha tal-Malti jżommu *ortografija* waħda, skond kif ma taqta' hi.
2. Li tqajjem u xxerred il-kitba TAJBA bil-Malti (Ara l-*Ħabib* 21-9-20)

Għall-kitba ta' X. C. wieġbu tajjeb l-aħjar kittieba, sew fil-*Ħabib* kemm f'xi gazzetti oħra.

Fid-9 ta' Novembru ta' l-istess sena, ħarġu Ċirkulari fejn stiednu lill-kittieba kollha tal-Malti biex jieħdu sehem fl-ewwel laqgħa li kellha ssir fl-14 ta' l-istess xahar fid-Dar ta' l-*Unione Cattolica San Giuseppe.*

## L-EWWEL LAQGĦA

L-ewwel laqgħa saret fl-14 ta' Novembru 1920 fid-Dar ta' l-U.C.S.G. u ħadu sehem fiha sitta u tletin kittieb, barra minn ħafna ittri mibgħuta minn min ma satâx jieħu sehem dak in-nhar.

Barra mill-ħatra ta' President u Segretarju—maħtura il-Kav. G. Muscat Azzopardi u s-Sur F. S. Caruana—ġiet magħżula kummissjoni ta' 5 min-nies biex tlesti Rapport fuq l-Ortografija tal-Malti. Ġew magħżula: għal Malta, il-Kav. G. Muscat Azzopardi, is-Sur P. F. Bellanti, il-Mons. P. Galea, is-Sur Nin Cremona u l-Prof D. Karm Psaila. Għal Għaudex (biex igħinu lil ta' Malta) : is-Sur Ġann Vassallo, l-Avukat G. Micallef u l-Mons. P. Cauchi.

## IL-KUMMISSJONI

Il-Kummissjoni bdiet taħdem malajr. Iltaqgħet 17-il darba u lestiet abbozz ta' Alfabet u ta' Grammatka. Ta' Għawdex bagħtu wkoll ix-xogħol tagħhom. Il-Kummissjoni, qabel ma thejji x-xogħol tagħha f'sura ta' Ktieb, qatgħet illi tgħaddi l-alfabet, minnha magħżul, minn laqgħa tal-Kittieba. Dan għamlitu għax billi l-Alfabet ma hux għajr *egħliem ta' ftehim* u hekk jista' jinbidel, kien jinħtieġ li jiġi, *bi ftehim*, magħżul mill-Kittieba, waqt li r-réguli tal-grammatka—maħluqa mal-lsien—ma jistgħux jinbidlu.

3*

ħha f„q l-alfabet u qassmitu fost il

^ S ^ ħ a \ k e l 0 SSlr ^ PPo

ieba I • '" g", Tip. G. Muscat).

*iAlfakl Mam* IT-TIENI LAQGĦ

• , „ mill-Ku ..:nissjoni u mressaq fil-laqgħ

L.All..l«t maRbzul int Alfebet Fonetku ta 29 ittra

•t.,8ta' Hifembru 19« * , A,febet Fo„etku-jiġifieri 1

En #e ^ ' ) ] ħ ;T;ħen wieħed-biss tbiddlu żewġ ittri

B°k IT-TIELET LAQGĦA

le^ U *uC* ufl-istess ħin inħatar, luq dan l-tstatut, l-ewwel kumiut

[ L-ewwrl Kumitat kien:

**PRESIDENT ONORARJU**

l-Onor. Prof. Temi Zammit **C.M.G., M.D.** D. Litt. (Oxon)

**PRESIDENT**

Il-Kav. Ġuże Muscat-Azzopardi, **B.M.**

**VIĊI-PRESIDENT**

l-Onor. Senatur Mons. **P.** Galea **J.C.D.**

**SEGRETARJU**

I Is S^r F.S. Caruana

**KAXXIER**

I l„onOr_ Arturo Mifsud, **M.L.A.**

**MEMBRI**

T n-Prof. Mons C P'i

|«n*io **P.L**-s-Sur **R** Sa„a-S-Sur Ni n Cremona-s-Sur Ġuż *Sur ġużs Micaii<*

H-s»r Ġ4 **M**-s**bn** *tir* s -

***inssoita)*** lS,bur V,nċenz Mifsud-Bonnici.

JT-TIENI KTIEB **ĠUNJU**

L.EWWEL SENA **1925**

# IL-MALTI

QARI

.1 TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

XFIH DAN IL-GĦADD

Kelma lill-ħbieb u oħra lil l-egħdewwa.... _ "Xinhu l-Malti fi (G. **MUSCAT-AZZOPARDI**)—Il-Għerien ta' Ħ a i *<Ca* • ,

if bdiet u mxiet it-Għaqd 0 ) _ Gbal C,m,terjU (DUN Pawl J

**KnnSd**,M.? U A n ^ M ^ " ^ C M -?•= L-Avukat Kann Mifsud